MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 359/2011

**A B f'isimha proprju u b'digriet tad-29 ta' Frar, 2012 gie nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri E maghrufa bil-kunjom D, u F G**

**vs**

**C D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi l-attrici A B kienet mizzewga lill-konvenut C D, bhalma jidher mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala **Dok. A**, u sseparat minnu bonarjament nhar l-4 ta' Frar 2011, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Carmel Mangion, skond ma jidher mill-kopja ta' l-istess

kuntratt annessa ma’ dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala **Dok. B** ;

2. Illi nhar it-30 ta’ Ottubru 2011 twieldet it-tifla E maghrufa bil-kunjom D B, u billi twieldet entro t-terminu stabbilit mill-**Artikolu 68** tal-**Kodici Civili**, giet registrata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 4728/2011, bhala bint il-konvenut C D, skond ma jidher mill-istess Att li qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala **Dok. C**;

3. Illi b’danakollu meta t-tifla E maghrufa bil-kunjom D B giet ikkoncepita, l-attrici A B u zewgha l-konvenut C D kienu mifruda *de facto* u kienu qed ighixu f’zewg residenzi differenti wara illi z-zwieg taghhom kien sfaxxa irrimedjabbilment ;

4. Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-attrici u l-konvenut D ;

5. Illi ghalhekk il-konvenut C D ma jistax ikun missier il-minuri E, peress illi hu u l-attrici ma kellhomx rapporti intimi bejn tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata mid-data tat-twelid tat-tarbija, u ghalhekk il-konvenut kien effettivament fl-impossibilita` fizika li jghammar ma’ l-attrici A B minhabba li kien boghod minnha ;

6. Illi effettivament, missier il-minuri E, huwa l-attur F G, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess tarbija giet ikkoncepita, l-atturi, ghalkemm mhux mizzewgin bejniethom, kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sal-lum ;

7. Illi l-atturi ghamlu t-testijiet xjentifici tad-DNA minn fejn jirrizulta illi effettivament it-tarbija E hija bint l-attur F G, u dan skond ir-rizultat relattiv illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala **Dok. D**;

8. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta’ l-atturi.

**RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

9. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex :-

(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom D B, hija effettivament bint l-attur F G u mhux bint il-konvenut C D, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 4728/2011;

(b) konsegwentement jigi korrett l-Atti tat-Twelid bin-numru 4728/2011, sabiex dan jirrifletti l-verita` dwar il-paternita` tal-minuri.

Talbu in vista ta' dak kollu fuq premess, u previa kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur F G huwa l-missier naturali tal-minuri E, maghrufa bil-kunjom D B, u mhux il-konvenut C D;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid tal-minuri E (Numru 4728/2011) prezentement maghrufa bil-kunjom D B:-
a. jissostitwixxi l-kunjom "*D B*" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "*G B*" ;
b. jissostitwixxi l-isem "*C D*" fil-kolonna "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" bl-isem "*F G*" ;
c. jissostitwixxi n-numru tal-Karta ta' l-Identita` "*490080M*", relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita`" bin-numru "*548564(M)*" ;
d. jissostitwixxi l-post "*St. Julian's, Malta*" fil-kolonna "Fejn Twieldu", u dan dejjem b'referenza ghall-missier tal-minuri, bil-post "*Attard, Malta*" ;
e. jissostitwixxi l-post "*Qawra, Malta*" fil-kolonna "Fejn Joqghod", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" bil-post "*Gudja, Malta*" ;

f. jissostitwixxi l-isem “*Anthony D (Alive)*” fil-kolonna ”Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet”, b’referenza ghall-intestata ”Missier it-Tarbija” bl-isem ”*Carmelo G (Alive)*” ;
g. ihassar il-kliem ”*wife of the said C D*” mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta’ l-omm, l-attrici A B.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jingħad li talanqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E D B skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

1. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E D B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti A B f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri E D B, kienet wettqet adulterju ma’ l-intimat F G u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-F G bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri E D B, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri E D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 4728 tas-sena 2011;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut C D li biha iddikjara li huwa ma ghandux ebda kontestazzjoni in rigward tat-talbiet attrici in kwantu huwa verament kien allontana ruhu minn martu sa minn Dicembru 2010, u ghalhekk mhuwiex fizikament possibli li t-tarbija E imwielda fit-30 ta' Ottubru 2011 (Iskritta bin-numru progessiv 4728/2011) tkun wild tieghu.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi kienet izzewget lill-konvenut C D fil-25 ta' Mejju 2002 u isseparat minn mieghu b'kuntratt datat 4 ta' Frar 2011. Hija xehdet illi sa minn Ottubru 2010 kienet waqfet milli jkollha x'taqsam sesswalment mar-ragel

taghha C D u illi miz-zwieg taghhom ma twieldux tfal. Hija xehdet illi hi u zewgha qatt ma kienu irrikonciljaw u illi filwaqt illi bdew ghaddejjin il-proceduri ta' separazzjoni hija bdiet relazzjoni mal-attur F G, liema relazzjoni ghadha ghaddejja sallum u illi minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri E.

Illi F G ikkonferma ix-xiehda illi tat l-attrici.

Illi l-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA illi gie mahluf u ikkonfermat bil-gurament minn Paul Sultana fil-5 ta' Jannar 2012 u illi gie ikkonfermat u mahluf bil-gurament minn Dr Marisa Cassar fl-1 ta' Frar 2012.

Illi ir-rizultat ta' dan ir-rapport xjentifiku huwa illi l-attur F G huwa il-missier naturali tal-minuri E D B.

Illi l-konvenut C D, permezz ta' nota illi esebixxa f'dawn l-atti, iddikjara illi ma ghandu l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici u ikkonferma illi huwa verament kien allontana ruhu minn l-attrici sa minn Dicembru 2010.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta' digriet tad-29 ta' Frar 2012, sabiex tidher f'din il-kawza bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri E maghrufa bil-kunjom D.

Illi fir-rigward tat-tieni, it-tielet u ir-raba eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi dawn l-eccezzjonijiet gew sorvolati bir-rizultat tar-rapport xjentifiku tad-DNA imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur F G huwa l-missier naturali tal-minuri E, maghrufa bil-kunjom D B, u mhux il-konvenut C D u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi kif mitluba fit-tieni talba attrici fl-Att tat-Twelid tal-minuri E (Numru 4728/2011)

prezentement maghrufa bil-kunjom D B. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------